# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kawza tad-Distrett tan-Naxxar

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mallia)

Vs

Sarah Michelle Angelica Grech

Illum,22 ta' Ottubru, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Sarah Michelle Angelica Grech** ta' 20 sena, imwielda gewwa Finland, nhar it-19 ta' Awwissu, 2002 u residenti gewwa fond The Gem, Blk. A, Fl16, Triq Bernardette, San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita' numru 106606 L akkuzata talli fid-29 ta' Docembru, 2022, u fil-granet ta' wara gewwa dawn il-gzejjer

1. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew mod iehor lil Patrick Vella.
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li taghmel xi reat.
3. Permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni eletronika, bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li

ggieghel lil Patrick Vella biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddidt li takkuza jew li taghmel ilment kontra tieghu, jew biex jimmalafama lill-istess Patrick Vella jew xi persuna ohra.

4. Permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni elettronika ghamilt uzu mhux xieraq bih.
5. Pubblikament, xewwixt lil persuna ohra sabiex jiksru il-ligi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Patrick Vella skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda ta' Patrick Vella, Nicholas Vella fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023; rat l-affidavit ta' PS 1037 S Mifsud;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fil-5 ta' Dicembru, 2023;

Rat li wara li l-imputata ghazlet li ma tixhidx; id-difiza ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023 il-Qorti akkordat terminu sabiex id-difiza taghmel nota ta' referenzi u l-prosekuzzjoni inghataw xahrejn zmien biex jipprezentaw in-nota taghhom

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imputata pprezentata fit-12 ta' Frar, 2024.

Rat l-artikoli 339(1)(e), 49(a), 49(b) 49(c) tal-Kap. 3999 u l-artikolu 70 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha tal-kaz

Ikkunsidrat

<u>Provi tal-prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PS 1037 S Mifsud.** Jiddikjara li nhar it-30 ta' Dicembru, 2022, ghal habta ta' 14:07 hrs, certu Patrick Vella, irrikorra gewwa l-ghassa tan-Naxxar fejn stqarr li t-tifel tieghu, certu Nicholas Vella kien fuq Instagram u innota b' xi filmat fuq il-kwerelant minn account ta' Instagram b' isem "sarahgrech02", fejn kien hemm mara bil-kelb taghha u insetmghet tghid fuq il-filmat b' total ta'

01:22 minuta, bicca mil-filmat fil-hin ta' 00:55 qalet "should we go burn the circus? For legal purposes that's a joke . . . maybe."
Il-kwerelant stqarr li huwa d-direttur tal-Isplash and Fun u ghandu responsabilta' lejn il-familja tieghu u l-klijenti li jistghu jkunu hemm dak il-hin.
Dakinnhar stress ghal habta ta' 15:59 hrs ghamlu kuntatt mal-persuna koncernata, Sarah Michelle Angelica Grech fejn giet infurmata bil-filmat li provdielhom il-kwerelant li gie muri lilha. Kif gie ukoll spjegat in-natura tar-rapport. Wara li giet infurmata bi drittijiet legali taghha Ms Grech ghazlet li qabel taghti kull tip ta' verzjoni tixtieq tkun assistita minn avukat ta' l-ghazla taghha. Hija wara li kellmet lil avukat fuq it-telephone hija ghazlet li ma tirrispondiex ghad-domandi li sarula.

**Patrick Vella** xehed fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023. Jixhed li f' Dicembru 2022 gewwa l-Splash and Fun kellu cirku u kien hemm incident minn wiehed mill-artisti. Waqt ix-xow ta' filghaxija wara 6 pm wiehed mill-artitisti minghajr ma qalilhom uza papra hajja. La huma u l-anqas il-production team ma kienu jafu li ser juza papra hajja.
Prezenti kien hemm l-imputata flimkien ma guvni. Hi u dan il-guvni ghajtu lilu u ma fhemx mal-ewwel fuq x' hiex kienu qed jitkellmu ghaliex kienet ippanikjata u hu ma kienx prezenti fic-cirklu.
L-imputata cemplet lil pulizija u lil animal welfare. Hu ikkopera maghhom u hargulu multa u hallasha.
Wara xi tlett ijiem bdiet tippostja fuq is-social media kontra c-Circus u bdiet tippostja kontrih personali, kontra c-cirku u gabet post li 'qalet li ha tahraq ic-Circus ha tmur u tahraq ic-Circus. Kien bl-ingliz l-artitisti ndunaw bihom bdew jippanikjaw u kien hemm min irid jitlaq barra minn Malta ghax beda jibza' habba dawn il-minacci." Fuq dan il-filmat ghamel rapport l-ghassa tan-Naxxar.
In kontro-ezami jirrispondi
Fil-post li ghamel referenza ghalieh l-imputata kienet qed titkellem ma kelb.
Jikkonferma li l-haddiema tieghu hassewhom imbezza.
Fuq is-show jirrispondi li kien hemm management company tiehu hsieb.
Ma jafx kien gara lil papra ghaliex ma kienx prezenti.

Mistoqsi

"Avu: Int ihossok imbezzgha?

Xhud: Hekk hu.

Avu: Ghadek ihossok imbezzgha?

Xhud: Le.

Avu: U min qed ihossok imbezzgha?

Xhud: Is-sinjorina ghamlet theddida ghal- park tieghi tista' tahraq u j ista jweggha xi had jien responsabbli ghal kull persuna."

"Avu: Min dak li staqsejt inti x' irrizultalek illi sar f' dan l-att?

Xhud: Li uza papra li ma kellux il-permess minghandna juza l-papra tajnieh warning keccejnih hadt ir-responsabilita' tal-animal welfare hallast il-veterinarju biex jiccekja din il-papra li ma kellha xejn irrilaxxawa u tajtha lil farmer minn fejn giet u hallast il-multa bhala responsabilta'."

Il-multa minghalieh li kienet ta' Eur 2000.

**Xhieda ta' Nicholas Vella**, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023. Hu ma ghamel ebda' rapport lil pulizija, kien missieru – Patrick Vella - li ghamel ir-rapport. Jixhed li Hu wera il-video lil missieru, downloadjah u bghatulu fuq whatsapp. Missieru mar l-ghassa jaghmel rapport. Il-pulizija qalulu li rridu niddawnloafjawh ahna biex jghodd ghal Qorti. Id-download sar mill-pulzija.

Lis-sinjura li ghamlet il-video jarafha fl-awla. Jixhed li

" U fl-ahhar tal-filmat hi qalet hi kienet qed titkellem mal-kelb u qaltlu shall we go burn down the Circus u sa dak naf biss."

Hass li kellu jghid lil missieru ghaliex qalet il-kliem 'shall we go down burn the circus."

In kontro-ezami
Jirrispondi li huwa jiftakar li fuq il-post fl-ahhar bicca l-imputata tghid "for legal purposes, it's a joke."

Ikkunsidrat

> Il-kaz jirrigwarda meme li l-imputata ippostjat fuq il-mezzi socjali wara li kienet prezenti waqt spettaklu tac-cirku gewwa l-istabiliment Splash and Fun fejn waqt wiehed mill-acts kien hemm incident fejn kien hemm involut mohqrija fuq papra.
>
> Fl-ahhar tal-filmat l-imputata tghid "should we go burn the circus? For legal purposes that's a joke . . . maybe."

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputata hija akkuzata taht l-artikolu 339 (1) (e) li jghid

> "339.(1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kullmin-
>
> (e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limitii tal-provokazzjoni;"

Mix-xhieda jirizulta li l-imputata kienet irrapportat lil Awtoritajiet wara li hija kienet prezenti ghall att fejn kien hemm involuta l-papra. Konsegwenti ghal dan ir-rapport l-parte civili wehel multa. Dan kien ikkonfermat minnu stress. Ma jirrizultax mill-provi li dak il-hin li l-imputata ikkonfrontatu hija ghamlet xi theddid jew ingurja imma r-rapport kien sprunat mill-filmat fuq il-mezzi socjali. L-imputata ghamlet rapport legittimu lil awtoritajiet u dawn hadu azzjoni.

B' referenza ghat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni. L-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, "Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elletronci" jipprovdi-

> "49.Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –
>
> (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew
>
> (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,

ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta'reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro(€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:

Iżda, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra, kliem jew espressjonijiet imlissna jew pubblikati fuq network ta 'komunikazzjoni elettronika jew apparat ma għandhomx jikkostitwixxu reat kontra dan l-Att jekk jitlissnu jew jiġu pubblikati bħala parti minn espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, ta' kull xorta, u ma jwasslux għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna."

Id-difiza sottomettiet li l-filmat trasmess fuq is-social media kien satiriku ghaliex l-imputata kienet qed tkellem kelb u li t-theddid ma kienx kredibbli.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Il-kuntest tal-filmat kien id-dizappunt tal-imputata dwar kif svolgew l-affarijiet wara r-rapport li ghamlet tal-incident. Hija taghlaq il-filmat bil-kliem "should we go burn the circus? For legal purposes that's a joke . . . maybe."

Din il-Qorti ma taqbilx li dak li qalet l-imputata kien satiriku. L-imputata bi kliema stress meta qalet "*for legal purposes that's a joke . . . maybe*" qisha qed thalli f' idejn is-segwaci taghha biex jigi interpretat jekk huwiex theddida jew le. Certament fl-opinjoni ta' din il-Qorti li tghid il-kliem '*should we go burn the circus*?" ma huwiex cajta u johloq biza legittimu f' persuni li jkunu qed jahdmu fic-cirku, f' persuni ohra li jew jahdmu fl-istabiliment tal-parte civile u ghal patrucjani tieghu. Fis-sentenza Il-Pulzija vs Luke Mihalic (Appell Kriminali Inferjuri) Appell Nru. 333/2023 deciz 24 ta' Mejju 2024, il-Qorti fost affarijiet ohra ikkunsidrat li "L-effett virali ta' dawn il-memes hekk kif jittellghu fuq l-internet jisa' jkollhom konsegwenzi gravi li ma jkunux jistghu jitrazznu." Din il-kunsiderazzjoni tghodd ukoll ghal kaz in ezami.

Il-Qorti qed isib lil imputata t-tieni imputazzjoni a tenur l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta gie ipprovat.

B' referenza ghal hames imputazzjoni kif jipprovdi l-artikolu 70 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

> "70.Kull min, pubblikament, ixewwex lil persuna oħra sabiex tikser il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jew, fil-każijiet ħfief, id-detenzjoni jew l-ammenda."

Il-Qorti qed isib lil imputata hatja ta' din l-imputazzjoni stante li giet ipprovata skont il-ligi.

Ikkunsidrat,

F' dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-eta' tal-intimata, u l-kondotta netta taghha.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 49(a), 49(b) 49(c) tal-Kap. 399u l-artikoli 70 u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed isib lil imputata hatja tal-tieni u l-hames imputazzjoni u qed tilliberaha mil-bqija u tikkundannaha ghal

> Elf euro Mlata (1000)

Inoltre ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-imputata b'garanzija ta' elfejn euro (2000) ghal ghaxar xhur (10) mill- lum, u dan sabiex ma ddejjaqx, ma timmolestax u ma tingurjax lil Patrick Vella. .

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**